VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,341, 7 ta' Novembru, 2014
Taqsima B

A.L. 393 tal-2014

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Regoli tal-2014 dwar Formoli dwar Kiri ta' Fond Residenzjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 42(4)(ċ) u 57 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regoli huwa r-Regoli tal-2014 dwar Formoli dwar Kiri ta' Fond Residenzjali.

Formola preskritta rigward pagament magħmul minn persuna.

2. Il-formola preskritta li turi d-dħul gross mill-kiri għas-sena rilevanti li trid tintbagħat mal-pagament magħmul minn xi persuna, skont l-artikolu 42(4)(ċ) tal-Att, għandha tkun il-formola li hemm fl-Iskeda A li tinsab ma' dawn ir-Regoli.

Formola preskritta rigward pagament magħmul minn individwu. Kap. 123.

3. Il-formola preskritta li turi d-dħul gross mill-kiri miksub matul il-perjodu rilevanti msemmi fl-artikolu 31D(6A) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* li trid tintbagħat mal-pagament magħmul minn xi individwu, skont l-artikolu 42(4)(ċ) tal-Att, għandha tkun il-formola li hemm fl-Iskeda B li tinsab ma' dawn ir-Regoli.

Tifsir ta "persuna". Kap. 123.

4. Għall-finijiet tar-regola 2, il-kelma "persuna" tfisser persuna li tikri proprjetà immobbli skont l-artikolu 31D tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u li d-dħul tagħha gross mill-kiri minn tali proprjetà jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu.

Tifsir ta' "individwu". Kap. 123.

5. Għall-finijiet tar-regola 3, il-kelma "individwu" tfisser individwu li ma jkunx iddikjara d-dħul mill-kiri li jkun nkiseb minn fond mikri bħala fond residenzjali jew bħala garaxx matul il-perjodu rilevanti f'xi prospett u jeżerċita l-għażla msemmija fl-artikolu 31D(6A) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

B 4620

SKEDA A
(Regola 2)
Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa
Regoli dwar Formoli dwar Kiri ta' Fond Residenzjali

Formola TA24

Formola li trid tintbagħat sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena li tiġi wara s-sena rilevanti, minn persuni li jeżerċitaw l-għażla msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 31D tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Informazzjoni mogħtija f'din il-formola fir-rigward tas-sena li tispiċċa fil-31 ta' Diċ.	

Indirizz jew deskrizzjoni oħra tal-proprjetà					Kirja Gross riċevuta
	Nru.	Isem	Triq	Kunsill	
1					
2					
3					
4					
5					
6					
7					
8					
9					
10					
11					
12					
13					
14					
Ammont soġġett għat-taxxa taħt l-artikolu 31D tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Imcome*					€

Taxxa totali bil-15%	€

Dikjarazzjoni li trid tiġi ffirmata mill-persuna li qed teżerċita l-għażla taħt l-artikolu 31D tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*:

Niddikjara li l-informazzjoni mogħtija hawn fuq hija vera u korretta. B'mod partikolari, nikkonferma li d-dħul gross mill-kiri dikjarat hawn fuq huwa l-ammont sħiħ riċevut fis-sena rilevanti.

Numru tat-Taxxa	
Isem	
Indirizz	
Firma	
Data	

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA B
(Regola 3)

Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*
(Dħul minn kiri mhux dikjarat)

Formola TA24 A

Formola li trid tintbagħat sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju, 2015, minn individwi li jeżerċitaw l-għażla msemmija fis-subartikolu (6A) tal-artikolu 31D tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Informazzjoni mogħtija f'din il-formola fir-rigward tas-sena li tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2012 jew f'xi waħda mis-seba' snin preċedenti.	

Indirizz jew deskrizzjoni oħra tal-proprjetà					Kirja Gross riċevuta
	Nru.	Isem	Triq	Kunsill	
1					
2					
3					
4					
5					
6					
7					
8					
9					
10					
11					
12					
13					
14					
15					
16					
(a) Dħul totali minn kiri dikjarat:					€
(b) Numru ta' snin li hemm fil-perjodu rilevanti li dwaru qed jiġi dikjarat id-dħul mill-kiri					
(ċ) Ammont taxxabbli (Y = (a / b) x 2)					€
Taxxa totali li titħallas bil-15% (Y x 15%)					€

VERŻJONI ELETTRONIKA

Sena	Niżżel l-indiċi (1 sa 16) tal-proprjetajiet hawn fuq deskritti li dwarhom qed jiġi ddikjarat il-kiri	Gross rent received
2005		
2006		
2007		
2008		
2009		
2010		
2011		
2012		
Dħul totali minn kiri dikjarat:		€

Dikjarazzjoni li trid tiġi ffirmata mill-persuna li qed teżerċita l-għażla taħt l-artikolu 31D(6A) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*:

Niddikjara li l-informazzjoni mogħtija hawn fuq hija vera u korretta.

Numru tat-Taxxa	
Isem	
Indirizz	
Firma	
Data	